MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-14 ta' Awwissu, 2013

Rikors Numru. 67/2013

Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Numru 1595/12 fl-ismijiet:

Joseph **TABONE**

vs

**CAPECE CONSTRUCTION LIMITED** (C – 53626)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mill-kumpannija eżekutata Capece Construction Limited (aktar 'il quddiem imsejħa "l-eżekutata") fil-25 ta' Jannar, 2013, li bih u għar-raġunijiet

hemm imfissra, talbet li (i) din il-Qorti tħassar il-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(ċ), (e) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) tikkundanna lill-intimat eżekutant Joseph Tabone jħallasha l-ogħla penali kif maħsuba fl-artikolu 836(8)(b) u (d) tal-istess Kodiċi; u (iii) f'każ li l-Qorti ma ssibx li għandha tħassar il-Mandat, torbot lill-imsemmi eżekutant biex jagħti garanzija xierqa għall-finijiet tal-artikolu 838A tal-imsemmi Kodiċi sabiex tagħmel tajjeb għall-ħlas tad-danni rrekati u kaġunati lilha mill-istess eżekutant u, f'każ li huwa jonqos li jressaq l-imsemmija garanzija fiż-żmien u fis-somma prefissi mill-Qorti, l-Mandat għandu jitħassar;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Jannar, 2013, li bih ordnat in-notifika lill-intimat eżekutant bi żmien għan-Nota bħala tweġiba għat-talbiet tal-eżekutata;

Rat in-Nota mressqa mill-intimat eżekutant fil-11 ta' Frar, 2013, li biha u għar-raġunijiet hemm minnu msemmijin qal li ma għandu l-ebda oġġezzjoni li l-Mandat jitħassar sakemm il-flus imqegħdin taħt l-awtorita' tal-Qorti minn wieħed mis-sekwestratarji jibqgħu hemm miżmuma sakemm tinqata' l-kawża li huwa fetaħ kemm kontra l-eżekutata u terza persuna.  Huwa ċaħad li ressaq il-Mandat b'mod kapriċċuż jew fieragħ u għalhekk qal li t-tieni u t-tielet talbiet tal-eżekutata m'humiex mistħoqqa u ma jmisshomx jintlaqgħu;

Rat l-atti kollha tar-rikors u tal-Mandat li għalih jirreferi;

Rat ir-rikors imressaq mill-eżekutata fit-28 ta' Ġunju, 2013;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija proċedura taħt l-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Minbarra dan, ir-rikorrenti eżekutata qiegħda titlob ukoll li l-Qorti tikkundanna lill-intimat eżekutant biex iħallasha penali skond l-artikolu 836(8) u, f'każ li l-Qorti ma ssibx li hemm raġunijiet tajba biex tħassar il-Mandat, li tordna lill-

istess eżekutant biex iressaq garanzija tajba għall-finijiet tal-artikolu 838A;

Illi mill-fatti ewlenin rilevanti għall-kwestjoni jirriżulta li fid-19 ta' Ottubru, 2012[1], l-eżekutant Tabone talab u kiseb il-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra l-eżekutata għas-somma ta' sbatax-il elf erba' mija u ħamsa u tletin euro u sittin ċenteżmi (€ 17,435.60) b'ħarsien ta' pretensjonijiet dwar prezz ta' "xogħol li sar mis-sekwestrant għal Capece Construction Limited skond il-ftehim tad-19 t'April, 2012". Il-Mandat inħareġ lil ħames sekwestratarji, lkoll kemm huma banek lokali, dak inhar stess li ntalab il-ħruġ tiegħu. Fit-8 ta' Novembru, 2012, l-eżekutant fetaħ kawża kontra l-eżekutata u terza persuna biex jitlob il-ħlas tax-xogħol appaltat minnu mwettaq[2]. Fit-13 ta' Novembru, 2012, wieħed mill-banek sekwestratarji, HSBC Bank Malta p.l.c., iddepożita b'ċedola mressqa fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili s-somma pretiża fil-Mandat[3];

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt ta' min iżomm quddiem għajnejh li, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi l-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[4];

Illi f'dan il-każ ir-rikorrent eżekutata tibni t-talbiet tagħha fuq tliet (3) kawżali:

---

[1] Dok "A" f'paġġ. 5 – 7 tal-atti
[2] Rik. Nru. 1114/12JRM, Dok "B" f'paġġ. 8 sa 32 tal-atti
[3] Dok "Ċ", f'paġ. 33 tal-atti
[4] Kumm GMA**23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

A) L-eżistenza ta' garanzija xierqa oħra biex tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat [Art. 836(1)(ċ)]. Fil-każ tal-lum, r-rikorrenti eżekutata tgħid li l-fatt li wieħed mis-sekwestratarji iddepożita taħt l-awtorita' tal-Qorti s-somma pretiża mill-eżekutant fil-Mandat hija biżżejjed biex tikkostitwixxi garanzija oħra xierqa biex tagħmel tajjeb minflok il-Mandat;

Illi l-eżekutant jaqbel li dan huwa minnu, iżda jgħid li s-somma depożitata jmissha tibqa' fejn hi sakemm tinqata' l-kawża mibdija minnu;

Illi biex jista' jingħad li teżisti garanzija xierqa oħra li tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat għall-finijiet tal-Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kodiċi, irid jintwera li tali garanzija trid tkun tinstab fi ħdan l-istess persuna eżekutata, u dan, ġeneralment, minn stħarriġ tal-ġid li hija jista' jkollha, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor". Kreditu li jista' jkun dovut lill-persuna eżekutata minn terza persuna ma jammontax bħala garanzija adegwata fil-konfront ta' intimat eżekutat ieħor[5]. Iżda, min-naħa l-oħra, l-biżgħa li l-ġid alternativ li jitressaq bħala garanzija jista' jintuża mid-debitur eżekutat biex jiggarantixxi xi obbligazzjoni oħra m'għandhiex, waħedha, sservi biex tirrendi dak il-ġid bħala mhux xieraq bħala garanzija alternativa għall-pretensjoni tal-eżekutant[6]. Wara kollox, il-Qorti tista' dejjem torbot lil min iressaq il-garanzija alternativa xierqa biex ma jagħmel xejn dwar dak il-ġid li bih jista' jnaqqas jew ixellef is-saħħa ta' dik il-garanzija;

Illi, f'materja ta' garanzija xierqa alternativa, l-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant jaqa' biss fuq il-parti eżekutata rikorrenti[7]. Fuq kollox, tali garanzija trid tkun waħda soda, ċara u realiżżabbli lill-eżekutant[8];

---

[5] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***
[6] Ara P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***
[7] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr. Tonio Fenech noe vs Dr. Patrick Spiteri pro et noe et***
[8] Ara P.A. TM **20.2.2003** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Ranger Company Ltd vs Euro Imports Ltd.***

Illi f'dan il-każ, ma hemmx dubju li l-flus iddepożitati minn wieħed mis-sekwestratarji taħt l-awtorita' tal-Qorti kienu assi tal-eżekutata. Minbarra dan, l-imsemmi depożitu jkopri s-somma kollha pretiża mill-eżekutant fil-Mandat minnu mitlub. Il-Mandat tressaq biss kontra l-eżekutata, u l-Qorti kien ikollha ħsieb ieħor li kieku l-Mandat inħareġ kontra aktar minn parti waħda intimata;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li fuq din il-kawżali ntweriet raġuni tajba biżżejjed biex tħassar il-Mandat u sejra tilqa' l-ewwel talba;

B) <u>Jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-Qorti li tkun biżżejjed</u> [Art. 836(1)(e)]. Il-Qorti terġa' ttenni l-fehmiet tagħha dwar dak li ssemma fil-kawżali taħt l-artikolu 836(1)(ċ);

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li t-talba għat-tħassir tal-Mandat lanqas fuq din il-kawżali hija tajba wkoll;

Ċ) <u>Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli</u> [Art. 836(1)(f)]. Fid-dawl ta' dak li ngħad qabel jidher li din it-talba hija tajba wkoll;

Illi, tajjeb jew ħażin, minbarra dan biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-eżekutanti m'għandhomx jedd għall-ħlas fl-ammonti minnhom pretiżi, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[9]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimati eżekutanti;

---

[9] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ[10]. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ;

Illi fil-każ tal-lum, wara l-ħruġ tal-Mandat sar id-depożitu biċ-ċedola minn wieħed mis-sekwestratarji u dan ħalaq garanzija tajba biżżejjed biex tħares il-pretensjonijiet tal-eżekutant;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li r-rikorrenti eżekutata seħħilha tagħti raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar ukoll fuq din il-kawżali;

Illi fid-dawl tal-fatt li l-Qorti sejra tilqa' t-talba għat-tħassir għal kollox tal-Mandat, m'huwiex il-każ li tistħarreġ jekk kemm-il darba għandhiex tordna lill-eżekutant biex iressaq garanzija xierqa għall-finijiet tal-artikolu 838A tal-Kodiċi tal-Proċedura. Dan jingħad għaliex id-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu jgħoddu biss f'każ li l-Qorti ma tilqax talba għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju;

Illi r-rikorrenti eżekutata talbet ukoll ir-rimedju tal-kundanna tal-intimat eżekutant għall-ħlas ta' penali[11]. Il-Qorti sejra issa tipprovdi dwar din it-talba;

Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva,

[10] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et***

[11] Taħt l-art. 836(8)(d) tal-Kap 12

għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[12]. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha[13]. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż. F'dan il-każ, ir-rikorrenti eżekutata ssemmi żewġ ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 836(8) u jiġifieri li l-eżekutant naqas li jiġġustifika li l-Mandat kellu jinħareġ jew li, fil-ħmistax-il jum ta' qabel ma talab il-ħruġ tal-Mandat, naqas li jinterpella lill-eżekutata għall-ħlas [836(8)(b)]; u li l-Mandat inħareġ b'ħażen u b'mod fieragħ u abbużiv [836(8)(d)];

Illi dwar l-ewwel ċirkostanza, l-liġi trid li qabel ma jinħareġ Mandat (u sakemm ma jkunx hemm raġunijiet ċari ta' urġenza) l-eżekutant jitlob lid-debitur tiegħu fi żmien ħmistax-il jum, biex iħallsu d-dejn li għandu miegħu. Daqstant ieħor trid li, wara li jkun inħareġ il-Mandat, l-eżekutat jitlob lill-eżekutant biex ineħħi l-Mandat u dan tal-aħħar jonqos li jagħti raġuni tajba biex iżomm dak il-Mandat fis-seħħ;

Illi t-talba li ssemmi l-liġi ma tridx tkun tabilfors waħda solenni fis-sura ta' att ġudizzjarju jew kawża formali[14], u biżżejjed tkun waħda verbali. Fil-każ tal-lum, ir-rikorrenti eżekutata ma wrietx li hija talbet lill-eżekutant ineħħi l-Mandat qabel ma fetħet din il-proċedura. Lanqas ma wriet (għaliex l-allegazzjoni saret minnha) li fi żmien ħmistax-il jum qabel inħareġ il-Mandat, l-eżekutant ma kienx "b'xi mod" talabha tħallsu. Għall-kuntrarju, mill-fatti li jirriżultaw, il-pretensjoni tal-eżekutanti kienet ilha ssir sa minn bosta xhur qabel u li din il-pretensjoni kien eventwalment iddeduċiha kontra l-eżekutata u terzi fis-sura ta' kawża[15]. Min-naħa l-oħra, l-eżekutant wera li ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat kienet ġustifikata għaliex ma

---

[12] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***
[13] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Rapa vs Raymond Sammut***
[14] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Rapa vs Sammut*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.142**)
[15] Ara Dokti "JT1" u "JT2", f'paġġ. 39 – 40 tal-atti

jidhirx li l-pretensjoni tiegħu fir-Rikors Maħluf li ressaq kontra l-eżekutata u t-terz hija b'xi mod ieħor kawtelata;

Illi dwar it-tieni ċirkostanza, il-Qorti tqis li r-rikorrenti eżekutata tibni din it-talba tagħha fuq l-allegazzjoni li l-intimat eżekutant talab il-ħruġ tal-Mandat talbuh b'ħażen, b'kattiverja u għal raġuni fiergħa. Il-Qorti, f'dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmula iżjed 'il fuq, tasal għall-fehma li ma jirriżultawx iċ-ċirkostanzi għall-impożizzjoni tal-penali minħabba l-ħruġ tal-Mandat[16]. F'dan il-każ, il-Qorti sejra timxi wkoll fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[17];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti eżekutata Capece Construction Limted billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** tagħha u tordna t-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 1595/2012 maħruġ fid-19 ta' Ottubru, 2012, fl-ismijiet premessi u għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(ċ)(e) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. B'dan illi s-somma depożitata taħt l-awtorita' tal-Qorti b'ċedola minn wieħed mis-sekwestratarji ma tistax tinġibed qabel ma l-Qorti taqta' l-kawża fil-mertu bejn il-partijiet;

**Tiċħad it-tieni talba** tagħha, billi ma wrietx b'raġunijiet tajbin biżżejjed li hija mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tastjeni milli tipprovdi dwar it-tielet talba**, ladarba ntlaqgħet l-ewwel talba; u

**Tordna li l-ispejjeż** ta' din il-proċedura jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

Mogħti kameralment illum, 14 ta' Awissu, 2013.

---

[16] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***
[17] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------